**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

MINUTI

`

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 100/2019

26 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Noyah Spiteri – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

## 100.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

100.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri kienet infurmatha illi ma kenitx ser tkun tista' tattendi ghas-seduta minhabba ragunijiet ta' sahha. L-istess Kunsilliera Spiteri kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha u infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif legalment dovut kienet ser tkun qieghda tibghat e-mail lis-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 100.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

100.2.2 Il-minuti ta' seduta numru 99 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

100.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

100.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 100.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

100.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat nhar it-8 ta' Marzu 2019 kienet inzammet attivita' li matulha kien sar il-ftuh ufficjali tal-Universita' Amerikana ta' Malta, attivita' li ghaliha kien prezenti l-Kunsill Lokali

100.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu bdew jitwahhlu fanali ornamentali f'numru ta' toroq, liema fanali l-Kunsill Lokali kien xtara permezz ta' sejha ghall-offerti li kienet inharget.

100.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin it-thejjijiet sabiex fl-ahhar tmiem il-gimgha ta' April 2019, hekk kif ippjanat jigi implimentat progett pilota li permezz tieghu kien ser ikun qieghed jitpinga *mural* f'Tarag it-Tarznari l-Antiki.

100.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi f'qasir zmien kienu ser jibdew diskussjonijiet ma' entita' privata li kienet qieghda tippjana li ttella' festival internazzjonali relatat mal-inbid f'bacir numru wiehed f'Gunju 2019

100.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'sodisfazzjon, sad-data tal-gheluq tas-sottomissjonijiet kienu 12 l-applikazzjonijiet li kienu intefghu b'konnessjoni mal-Cospicua Short Play Festival, zieda fuq is-sena precedenti u sinjal li l-attivita' kienet giet milqugha pozittivament

## 100.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

100.4.1 Ma kienx hemm.

## 100.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

100.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru04/19) ghall-approvazzjoni.

100.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli issekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

100.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda' ta' ordnijiet/xiri li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Marzu 2019 ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

100.5.4 Wara proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mill-Kunsilliera Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 100.6 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA0796/16

100.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara d-decizjoni li ttiehdet fis-seduta precedenti, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet baqghet issegwi mill-qrib zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-applikazzjoni msemmija. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kienet anke inzammet laqgha mal-Universita' Amerikana ta' Malta li matulha kienu gew iccarati numru ta' materji, inkluz il-fatt illi l-istess entita' kienet hadet hsieb tikkummissjona Traffic Impact Assessment. Hija qalet illi ghaldaqstant fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali, filwaqt li kellu jishaq li jinholqu numru ta' parkeggi, ma' kellux jorbot lill-Universita' Amerikana ta' Malta bil-holqien ta' parkeggi strettament fi Triq il-Karmnu. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti mal-proposta li kienet giet imressqa mis-Sindku.

## 100.7 Applikazzjonijiet ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq

100.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet applikazzjoni ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-kumpanija applikanti li kienet topera fis-settur tal-proprjeta' kienet talbet permess sabiex isir reklamar fi Triq il-Gublew tal-Fidda, Triq Santa Tereza, Triq Dom Mintoff, Fuq San Pawl u Wesghet il-Knisja tan-Nativita'. Wara li gew evalwati t-talbiet kien hemm qbil fil-principju illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni. Minhabba xogholijiet li kienu ghaddejjin, uhud mit-talbiet ma' setghux jimmaterjalizzaw fl-immedjat.

## 100.8 Vakanza ghal skrivan back-to-back ( Skala 15)

100.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li z-zewg kandidati li kienu baghatu curriculum vitae b'konnessjoni ma' sejha interna ghall-mili ta' vakanza ta' skriva fi skala 15 kienu naqsu milli jidru ghal interview meta imsejha, il-Kunsill Lokali kien ha hsieb javza lil Jobs Plus li min-naha taghha kienet infurmat lill-individwi li kienu qieghdin jirregistraw ghax-xoghol sabiex jirregistraw l-interess taghhom sa' nhar il-Gimgha 5 t'April 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi f'dan l-istadju, kien mehtieg li l-Kunsill Lokali jahtar il-bord li kien ser ikun qieghed jaghmel l-intervisti lill-kandidati ghall-mili tal-vakanza. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-bord kellu jkun maghmul mis-sinjuri Pablo Cachia Belli, Roderick Mamo u Alison Zerafa Civelli bis-Segretarju Ezekuttiv iservi ta' membru ex-ufficio.

## 100.9 Sejhiet ghall-offerti

100.9.1 Ma kienx hemm zviluppi mis-seduta precedenti

## 100.10 Rapporti

100.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jsir reklam fuq publikazzjoni tal-Gimgha mqaddsa li kienet ser tkun qieghda tigi ppublikata mic-Centru 19 ta' Novembru 1944. L-ispiza tar-reklam kienet tammonta ghal mitt ewro.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi hekk kif sehh fis-snin precedent tittella' bibita' zghira fl-okkazjoni tal-Ghid il-Kbir.
- Kien hemm qbil illi kellu jinhareg permess sabiex tittella' wirja ta' karozzi klassici fi Pjazza Santa Margerita nhar it-28 t'April 2019.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza ta' ewro1180 bil-ghan illi tigi ordnata arma ta' Bormla tal-irham ghar-reception tal-binja

amministrattiva tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi ghall-imsemmija rhama kienet ingabret stima wahda biss minhabba l-fatt illi meta mitluba stima ghax-xogholijiet, diversi kuntratturi rrifjutaw li jipprovdu prezz kemm minhabba l-kwatita' ta' xoghol li kellhom kif ukoll minhabba l-ammont ta' xoghol li kienet tirrikjedi l-istess rhama.

- Gie deciz illi r-Regjun Xlokk kellu jigi miltub jikkunsidra l-possibilita' illi jikkordina bejn il-Kunsilli Lokali tal-istess regjun il-gbir ta' flus ghad-depoziti minn kumpaniji licenzjati.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tintbaghat talba lil Transport Malta bil-ghan illi jitwahhal bollard quddiem garage fi Triq John Pace.
- Kellha tinzamm laqgha ma' rapprezentanti ta' Refab Lightblue Partnership bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli jitpoggew fil-lokalita' kontenituri ghall-gbir ta' hwejjeg ghar-riciklagg.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi stima li kienet ingabret ghal survey fi Triq San Nikola ( ghal xoghol relatat mal-progett ta' community gardens li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta). Minhabba l-urgenza tax-xoghol kif ukoll minhabba l-fatt illi kienu ghadhom ma instabux aktar kumpaniji li setghu jaghmlu x-xoghol fl-immedjat, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jmexxi bl-istima li kienet gabret l-amministrazzjoni li kienet tammonta ghal Ewro752.

**100.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

99.11.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 16 ta' April 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 16 t'April, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |